FIL-QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

SUBBASTA

42

FL-ATTI TAS-SUBBASTA

NRU. 105/2011

Bank of Valletta p.l.c.

vs

Alfred Zarb et

REGISTRY SUPERIOR COURTS No: 1308 14 FEB 2012 PAID

**RELAZZJONI TAL-ESPERT ĠUDIZZJARJU IL-PERIT GODWIN CASSAR**

Jesponi bir-rispett illi:

1. Permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponent ġie nominat għall-fini tad-deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fondi in kwistjoni.

2. In diżimpenju tal-inkarigu tiegħu l-esponent ta avviż għall-aċċess li nżamm nhar il-Ħamis, 2 ta'Frar 2011, fejn kienu preżenti l-intimati Alfred Zarb u Catherine Zarb.

3 Għaldaqstant l-esponent qiegħed f'pożizzjoni illi jirrelata s-segwenti dwar il-proprjeta` in kwestjoni:

Il-*maisonette* bin-numru sitta u għoxrin (26) mingħajr l-arja tiegħu b'faċċata medja ta' ċirka sebgħa punt wieħed tnejn metri (7.12 metri), li jinsab fil-pjan terran elevat aċċessibbli minn taraġ mikxuf li jmiss ma' parapett b'faċċata fuq it-Triq C. Troisi; kif ukoll il-garaxx li jinsab fis-semi interrat, *maisonette* li huwa sottostanti *maisonette* ieħor proprjetà ta' Dimitri Zhilin u liema garaxx huwa sottostanti parti mill-imsemmija *maisonette* proprjetà tal-intimati, liema *maisonette* u garaxx jinsabu fi Triq il-Kwartin, Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, u liema *maisonette* u garaxx jiffurmaw parti minn blokk ta' bini mibni fuq plot numru disgħa (9) fuq l-artijiet magħrufa bħala "Tal-Misluta' sive 'Tal-Franċiż' kif suġġetta għaċ-ċens annuwu u perpetwu ta' tlieta u disgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€93.17), libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu. Inkluża wkoll il-bitħa li tinsab fil-livell semi interrat fuq wara tal-imsemmi blokk, liema bitħa hija aċċessibbli kemm mill-*maisonette* u kemm mill-garaxx imsemmija, suġġetta għas-servitudni ta' tieqa favur garaxx ieħor li jifforma parti mill-blokk, kif ukoll proprjetà komuni tas-sistema tad-*drains* u drenaġġ, xaftijiet, kif ukoll ir-rampa li tagħti aċċess liż-żewġ garaxxijiet li jinsabu sottostanti l-imsemmi blokk. Il-pożizzjoni tal-proprjetà hija

49

indikata bl-aħmar fuq il-pjanta hawn annessa, immarkata bħala dokument Annex 1 u l-*maisonette* hu konfinanti grigal minn Triq il-Kwartin, majjistral minn proprjetà ta' Lino Farrugia, u nofsinhar punent proprjetà ta'NMR Property Limited, jew l-aventi kawża.

Il-*maisonette* tikkonsisti f'żewġ kmamar tas-sodda prinċipali, waħda b'tieqa għall-bitħa interna komuni u b'aċċess dirett għall-kamra tal-banju b'tieqa għall-bitħa interna komuni ġa msemmija u l-oħra b'tieqa għall-bitha ta' wara; kif ukoll *sitting* bit-twieqi għal Triq il-Kwartin; kċina b'tieqa għall-bitha interna; *shower* b'tieqa għall-istess bitħa interna; kif ukoll *living* bil-bieb għall-bitha ta'wara. Minn ġewwa u barra, il-*maisonette* hi miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Il-garaxx għandu spazju għal żewġ karozzi u kamra fuq wara b'aċċess għall-bitħa.

4 A bażi tas-suespost l-esponent qiegħed jistma l-valur tal- proprjetà kif fuq deskritta, fl-ammont ta' :

- **Maisonette numru 26 Triq il-Kwartin, Is-Swieqi inkluż il-garaxx Mija u Erbgħa u Tmenin elf euro (€184,000)**

Daqstant għandu x'jirrelata l-esponent għas-savju kunsiderazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Perit Godwin Cassar
11 ta' Frar, 2012

Rikorrent: Bank of Valletta p.l.c., 1/5 Misraħ San Ġorġ, il-Belt Valletta VLT 1190
Intimati: Alfred u Catherine miżżewġin Zarb, 26 Triq il-Kwartin, Is-Swieqi

Illum 15 / 03 / 12
Deher il-Perit Legali / Tekniku: Godwin Cassar 140748(M)
Li wara li ddikjara li tħallas l-ammont lilu dovut, ħalef/ħalfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu mogħti lilu/lha.
Deputat Reġistratur
Kevin Caruana
Deputy Registrar

Illum 14 FEB 2012
ippreżentata mill- Perit Godwin Cassar
bla dok/b wieħed (1) dokumenti

Kenneth Grech
D/Reġistratur
Courts of Justice (Malta)

ANNEX 'I'

44




# Malta Environment & Planning Authority

## Mapping Unit Site Plan, Scale 1:2500

St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:22900000 Fax:22902295
www.mepa.org.mt

MEPA

Part of Survey Sheet(s): 525750 525755 530750 530755

Date Issued:- 9/1/12

- The numbered lines indicate 100m intervals on a U.T.M. grid
- This site plan is not to be used for interpretation or scaling of scheme alignments
- Users noting additions or corrections to this map are kindly requested to inform the Mapping Unit

Copyright Mapping Unit, Malta Environment & Planning Authority Vat Reg. No.: 1281-6708 Form No.:MU 002